MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-10 ta' April, 2008

Numru 8/2008

**IL-PULIZIJA**

**(SPETTUR CARMEL ABDILLA)**
**(SUPRINTENDENT CARMELO BARTOLO)**

**VS**

**DYLAN MALLIA**

Il-Qorti;
Rat l-imputat Dylan Mallia ta’ 16-il sena, bin Carmel u Jacqueline nee’ Vella, imwieled Pieta’ nhar l-24 ta’ April, 1991, u li joqghod ‘Primrose Flats’, Flat 1,Ursuline Sisters Street, Gwardamanga u detentur tal- karta ta’ l-identita’ bin-numru 2374921(M) li gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

Fil-Hamrun, f' xi jum matul il-perjodu ta' bejn il-21 ta' Jannar 2006, u fix-xhur ta' qabel din id-data, ikkommetta serq ta' oggett, u cioe' apparat telefoniku cellulari, liema serq, li huwa kkwalifikat bil-valur li ma jiskorrix l-elfejn tlett mija u disa' u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin Ewro centezmu (Euro 2329.37) (elf lira Maltin), sar ghad-detriment ta' Matthew Pace ,minn San Gwann.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 1 ta' Frar 2008 (esebit *a folio* 7 tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta ta' 1 ta' Frar 2008 l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni tal-imputat ghall-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu kif registrata fis-seduta ta'10 ta' April 2008.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u huwa nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputat, il-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessa.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat l-fatt li l-imputat huwa minorenni, li ghandu fedina penali netta, li ametta l-akkuza fi stadju bikri tal-proceduri u l-fatt li huwa rritorna r-refurtiva.

Ghaldaqstant wara li rat l-Artikoli 261 u 279 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati tal-akkuza kif minnu ammessa u b' applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-

Ligijiet ta’ Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkomettix reat iehor sa zmien sena (1) mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------